

# FUQ IL-LANT

**Public Works**
Department

## DIĊEMBRU 2022

### F' DIN IL-ĦARĠA...


- MESSAĠĠ MIL-MINISTRU
- MESSAĠĠ MIS-SEGRETARJU PERMANENTI
- MESSAĠĠ MID-DIRETTUR GENERALI
- IS-SENA LI GĦADDIET
- AĦBARIJIET
  - PROJECT HOUSE
  - ARKIVJU TAL-PWD
  - COMMUNICATIONS
- PROĠETTI LI TLESTEW DIS-SENA


## MESSAĠĠ MILL-MINISTRU DR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI



Għeżież,

Minn qalbi nawgura lilkom, ħaddiema u kollegi, għal Milied hieni u sena mill-aqwa. Din hija l-ewwel darba li qed nwasslilkom dan il-messaġġ bħala Ministru responsabbli mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

F'dawn l-ewwel disa' xhur li ilna naħdmu flimkien, ninsab ferm sodisfatt bil-ħidma sfieqa li qed iwettaq dan id-Dipartiment f'għadd ta' proġetti fl-ibliet u l-irħula tagħna. Dan ma ngħidux jien biss, jgħiduh ukoll għadd ta' Kunsilli Lokali u residenti li ta' kuljum inkun f'kuntatt magħhom u li grazzi għal ħidma tagħkom qed isibu appoġġ kontinwu biex iwettqu diversi proġetti ta' tisbiħ u ta' riġenerazzjoni ta' spazji miftuħa fil-lokalitajiet tagħhom.

Sodisfatt ħafna wkoll bil-ħidma interna li qed issir flimkien mad-Diretturi Ġenerali u s-Segretarju Permanenti, biex dan id-Dipartiment inkomplu nsaħħuh b'riżorsi ġodda u moderni. Sar ukoll ħafna xogħol ta' manutenzjoni u rinovar f'diversi binjiet tal-uffiċċji tad-distretti biex noħolqu ambjent tax-xogħol li jixirqilkom.

Minbarra l-investiment fl-infrastruttura, qed naħdmu wkoll biex inkomplu ntejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fejn anke introduċejna sistema ta' shift għal aktar ħaddiema. Ċert li l-koperazzjoni ta' bejnietna se tkompli tissaħħaħ hekk kif deħlin għal sena ġdida u grazzi għall-ħidma, kemm tal-professjonisti kif ukoll tan-nies tekniċi, dan id-dipartiment se jkompli jkun għodda siewja biex għaldaqstant, hekk intejbu l-kwalità tal-ħajja tal-familji u r-residenti tagħna.

L-istess kif għamilt fil-bidu tal-ħidma tiegħi bħala Ministru, se nerġa' nżur id-Diviżjonijiet tad-Dipartiment biex nirringrazzjakom personalment tal-ħidma u d-dedikazzjoni tagħkom. Is-saħħa lilkom, u lill-għeżież tagħkom. L-isbaħ xewqat.

## MESSAĠĠ MIS-SEGRETARJU PERMANENTI, IS-SUR CARLOS TABONE



Għeżież kollegi, nibda dan il-messaġġ b'ringrazzjament lejn il-ħidma, id-dedikazzjoni u l-impenn tagħkom li tatu matul is-sena sabiex flimkien twettqu d-diversi proġetti fdati f'idejn dan il-Ministeru. Inħares lejn dawn l-aħħar disa' xhur, kemm ilni f'din il-kariga l-ġdida, u nistqarr li napprezza l-professjonalità fil-ħidma tagħkom. Ħidma, li magħha ġġorr responsabbiltà kbira. Għalhekk ikun opportun li f'dan il-perjodu, ftit 'il bogħod minn sena ġdida, wieħed jirrifletti fuq dak li seta' jkun ippjanat aħjar sabiex flimkien insostnu u nsaħħu l-ħidma tagħna. Il-kontribut tagħkom il-ħaddiema, kemm dawk fl-amministrazzjoni, professjonisti u tekniċi hija apprezzata u meħtieġa sabiex flimkien nilħqu l-għan aħħari, dak li bħala uffiċjali pubbliċi nagħtu servizz ta' kwalità lill-klijent tagħna.

Inħares il' quddiem għal aktar ħidma flimkien u nieħu din l-opportunità sabiex nawgura lilkom u lill-għeżież tagħkom l-isbaħ xewqat għal Milied hieni u sena ġdida.

**PEOPLE (HR) SUPPORT CONTACT:**

Ħolqiet li tajjeb tkun taf bihom:

Employee Support Programme:
https://publicservice.gov.mt/en/people/ESP/Pages/Home.aspx

Il-profil personali tiegħek tax-xogħol:
https://ns.gov.mt/#/

Żomm ruħek aġġornat b'dak li jkun għaddej fil-PWD permezz tal-paġna tagħna fuq FB:
https://www.facebook.com/publicworksdepartmentmalta

## MESSAĠĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI, IL-PERIT STEPHEN BONELLO



Għeżież kollegi, hekk kif is-sena waslet biex tintemm ikun għaqli li nagħtu ħarsa lejn dak kollu li nkunu għaddejna minnu fl-aħħar tnax-il xahar. Żgur li jkun hemm sodisfazzjon għall-miri li nkunu pjanajna u lħaqna, iżda jkun hemm ukoll xi diżappunti li minkejja li stinkajna mhux dejjem ksibna riżultat kif mixtieq. Dan m'għandux għaliex jaqtgħalna qalbna, imma għandna ninqdew b'dan iż-żmien biex inħarsu 'l quddiem u nippreparaw lilna nfusna aħjar għall-isfidi kontinwi ta' xogħolna għas-sena d-dieħla. Aħna niġu fdati bi proġetti għall-pubbliku li jsiru minn flus il-poplu. Dan ifisser aktar piż u responsabbiltà, imma fl-istess ħin sodisfazzjon akbar, speċjalment meta tara riżultati konkreti u l-apprezzament tal-komunità.

Grazzi għall-ħidma u l-lealtà tagħkom matul is-sena kollha. Li ma jkunx għall-impenn tagħkom, żgur li l-proġetti li qed inwettqu ma kienx ikun possibbli li nagħmluhom. Id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi huwa mogħni bikom il-ħaddiema li twettqu xogħolkom fid-diversi Direttorati u Taqsimiet. Intom is-sinsla tal-proġetti tagħna li qed jagħmlu differenza u jtejbu l-ħajja tal-poplu Malti. Dan jixprunana biex inkomplu nimpenjaw ruħna għal aktar ħidma u xogħlijiet għall-ġid tal-pubbliku. Għandna għaliex inħossuna kburin li bix-xogħol tagħna qed nagħmlu d-differenza u ntejbu l-ħajja f'diversi lokalitajiet.

Sadanittant nieħu l-opportunità sabiex, filwaqt li nerġa' nuri l-apprezzament għall-ħidma u l-impenn kontinwu tagħkom, nawgura lilkom u lill-familji tagħkom l-isbaħ xewqat f'dawn il-ġranet sbieħ tal-Milied kif ukoll għas-sena l-ġdida.



## IPPJANAR U TWETTIQ

Ninsabu fi tmiem is-sena fejn matul dawn l-aħħar jiem qed jingħalqu l-pjanijiet għall-2022 u jsiru tħejjijiet għas-sena l-ġdida. Ikun ta' sodisfazzjon li wieħed jara li l-pjanijiet imfassla jitwettqu u għandha tkun ta' tagħlima għal dawk il-pjanijiet li minkejja diversi raġunijiet, ma ġewx imwettqa.

Din il-kultura lejn Ippjanar u Twettiq fi ħdan id-Dipartiment għandha tiġi msaħħa u mħarsa b'reqqa. Dan id-Dipartiment mhux biss għandu responsabbiltà li jwettaq proġetti pubbliċi iżda wkoll li jwettquhom fil-ħin, bl-aqwa użu ta' riżorsi fi ħdanu u b'diliġenza. Għaldaqstant l-importanza li kull proġett assenjat lilkom jiġi mfassal b'reqqa kbira, u b'objettivi ċari sabiex niffaċilitaw il-moniteraġġ tal-KPIs, u flimkien inwettqu b'suċċess dawk il-proġetti fdati lilna.





## MODERNIZZAR TAL-PWD

F'dawn l-aħħar snin id-Dipartiment segwa diversi strateġiji li walsuh għat-tiġdid tiegħu u l-qagħda li llum jinsab fiha. Kienu strateġiji li għinuh jikkonsolida l-operat tiegħu u jħares lejn għanijiet ġodda. Iżda għalkemm tajjeb li wieħed jiddentifika it-tajjeb li sar sabiex ikompli jibni fuqu, tajjeb ukoll li wieħed kull tant żmien jevalwa minn fejn telaq, fejn wasal u fejn irid imur. Dan sabiex ikun żgur li l-istrateġija mfassla timmira lejn il-viżjoni aħħarija tad-Dipartiment. Għaldaqstant huwa żmien opportun li wara din il-ħidma kollha ma nibqgħux nitkellmu iktar dwar tiġdid, iżda niffukaw fuq l-immodernizzar tas-servizz. Id-Dipartiment għandu jibqa' relevanti għaż-żmien li ġej u għaldaqstant għandu jinvesti fir-riżorsi fi ħdanu sabiex jagħmel l-aqwa użu tat-teknoloġija f'ħidmietu, jinvesti f'apparat u makkinarju ġdid.



# PROJECT HOUSE: EŻEMPJU ĊAR TAL-AĦJAR PRATTIKA FL-ENERĠIJA EFFIĊJENTI F'BINJA PUBBLIKA

Biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-ambjent, anki skont miri stabbiliti mill-UE, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi wettaq investiment estensiv fuq il-binja ċentrali tiegħu.

Ix-xogħlijiet fuq il-binja kienu jikkonsistu:





1 - twaħħil ta' boards ta' insulazzjoni fuq barra

2 - mal-faċċata tal-binja twaħħlu wkoll ċangaturi tal-qawwi fuq struttura tal-aluminju għal ventilazzjoni adegwata

3 - l-aperturi saru kollha tal-aluminju msejjaħ thermal break bi ħġieġ double-glazing

4 - l-iskylight saret ukoll minn dan it-tip ta' ħġieġ sabiex tnaqqas l-ammont ta' sħana mitlufa u ddawwal il-binja b'dawl naturali



5 - inqala' l-kontrabejt eżistenti biex tqiegħed saff ta' insulazzjoni u wara reġa' tqiegħed kontrabejt ġdid li ngħata kisi li jirrifletti s-sħana

6 - pannelli fotovoltajiċi integrati ġol-binja

7 - sistema tal-arja kundizzjonata tat-tip VRF

8 - saret ukoll sistema ta' Building Management System (BMS)




Il-konsum tal-enerġija fl-2018 kien ta' 220,226kWh/annum

Il-konsum tal-enerġija – wara l-proġett i.e fl-2022 huwa ta' 37,621kWh/annum

**2013**
Energy Performance Rating 'D'

**2017**
Inbidel id-dawl biex sar kollu LED u saret l-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi

**2018**
Energy Performance Rating 'C'

**2022**
Energy Performance Rating 'A'



# BIXRA TA' DAWL GĦALL-ARKIVJU TAL-PWD

Sezzjoni importanti fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi hija dik tal-Arkivju li għal żmien twil tħalliet fi stat li ma jixraqx lin-numru ta' pjanti u artefatti importanti li jmorru lura fiż-żmien.

Il-konservazzjoni tal-arkivju se tkun prijorità għad-dipartiment fiż-żmien li ġej. Hawnhekk se naraw li d-dokumenti f'dan l-arkivju jibdew jinżammu aħjar u anki nimxu pass 'il quddiem biex issir id-diġitazzjoni tagħhom. B'hekk l-Arkivju jkun jista' jibda jintuża minn riċerakturi u studenti li jkunu qed jistudjaw fil-professjoni tal-arkitettura.

L-għan ta' din il-bidla fl-Arkivju huwa biex id-dipartiment ikun espost u milħuq minn kulħadd u nuru x-xogħol importanti li jsir mill-ħaddiema tagħna.

Min-nhar it-Tnejn 19 sal-Ġimgħa 23 ta' Diċembru se tkun qed tittella' esebizzjoni fi Project House b'uħud minn dawn il-pjanti li jinsabu fl-Arkivju.






## COMMUNICATIONS



B'disinn ġdid u aġġornat, 'Fuq il-Lant' se jkun qed jitqassam lilkom il-ħaddiema tal-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar sabiex iżżommu ruħkom aġġornati b'dak li jkun għaddej fil-Ministeru u fid-diversi dipartimenti u diviżjonijiet fi ħdanu.

F'din il-pubblikazzjoni elettronika se ssibu informazzjoni interattiva fuq proġetti li qed jitwettqu matul is-sena u ħolqiet li taf tiġu bżonn matul il-ħidma tagħkom.

Barra minn hekk, jekk intom tixtiequ tgħaddu xi materjal għal pubblikazzjonijiet futuri ta' 'Fuq il-Lant' inħeġġukom tagħmlu kuntatt mas-sezzjoni tal-Communications fi ħdan l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fuq communications.ops-mpwp@gov.mt

'Fuq il-Lant' hija pubblikazzjoni li tibqa' tinħareġ darba f'kull kwart matul is-sena. Il-ħsieb hu li din il-pubblikazzjoni tkun ferm aktar interattiva minn kif kienet qabel.

## NAGĦTU ĦARSA LEJN UĦUD MILL-PROĠETTI LI TLESTEW DIN IS-SENA


AUBERGE DE CASTILLE


VILLA FRANCIA


MGARR VIA CRUCIS


PALAZZO XARA


ZEBBUG HOUSING ESTATE EMBELLISHMENT OF OPEN AREA


MELLIEĦA REPAIR SLIPWAY


FORMAL GARDEN FI ĦDAN IL-PARK NAZZJONALI F'TA' QALI


GOMORINO